



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0331(NLE)

13627/23
ADD 2

ASILE 95
JAI 1238
MIGR 303
FRONT 291
COEST 535
SOC 655

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 13544/23

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li
testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta'
Implimentazzjoni (UE) 2022/382
- Adozzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Interni) fid-19 ta' Ottubru 2023. Id-dikjarazzjoni ser tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

- DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA -

B'mod simili għal Stati Membri oħra u partikolarment dawk l-aktar esposti, ir-Repubblika Ċeka ilha tipprovdi, mill-bidu nett tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, assistenza bla preċedent lill-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra. Mill-15 ta' Ottubru 2023, minn madwar 600 000 (571 511) applikant irreġistrat, ir-Repubblika Ċeka għadha tospita aktar minn 360 000 beneficijarju ta' protezzjoni temporanja (sehem ta' 8.7 % tar-reġistrazzjonijiet attivi fl-UE) li jikkorrispondi għal 3 % tal-popolazzjoni tagħha. Bi 8 000 applikant addizzjonali rreġistrati ġodda kull xahar, ir-Repubblika Ċeka tibqa' l-aktar Stat Membru tal-UE affettwat *per capita*. Ir-Repubblika Ċeka timplimenta kif xieraq id-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja u qabliet mal-estensjoni tagħha sa Marzu 2025, anke minħabba li temmen bis-sħiħ li s-sitwazzjoni teħtieġ rispons Ewropew konġunt. Għaldaqstant, u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-EUCO tad-9 ta' Frar u t-30 ta' Ġunju 2023, ir-Repubblika Ċeka tistenna li l-Kummissjoni tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju adegwat u flessibbli sabiex tgħin ittaffi l-piż finanzjarju assoċjat fil-livell nazzjonali (Skont id-data tal-OECD, fl-2022 biss, ir-Repubblika Ċeka nefqet it-tielet l-ogħla ammont ta' EUR 1.96 biljun biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-għajxien, l-edukazzjoni u s-saħħa).
